# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Guramentat Nru.: 301/2020 MH**

**Illum 3 ta' Lulju, 2020**

**J.M. Vassallo Vibro Steel Limited (C-35874)**

**vs.**

**Grima Concrete Suppliers Limited (C-71933)**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ai terminu ta' l-Artiklu 167 Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta fejn intalab illi:

1. *"Illi l-esponenti tinsab kreditrici tas-socjeta' konvenuta fis*-somma *ta' erbgha u disghin elf, tmien mija u tnejn u tletin Ewro u tlieta u sebghin*

*centezmu (€94,832.73), oltre l-imghaxxijiet legali, bilanc tal-prezz ta' hadid mibjugh u konsenjat lilha, kif jidher dettaljat fl-istatement hawn anness u mmarkat Dokumenti A.*

2. *Illi minkejja li s-socjeta' konvenuta giet interpellata diversi drabi, anke ufficjalment, sabiex thallas l-ammont hekk dovut minnha, u minkejja li ma tikkontestax li din is-somma hija dovuta, baqghet ma hallsitx.*

3. *Illi jezistu l-elementi kollha preskritti bid-disposizzjonijiet tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Procedura civili (Kap 12) sabiex din il-kawza tiġi deciza bid-dispensa tas-smiegh taghha billi d-dejn fuq imsemmi huwa cert, likwidu u skadut u fil-fehma tal-esponenti s-socjeta' konvenuta ma ghandha ebda eccezzjoni xi tressaq kontra t-talba ghall-hlas tal-ammont imsemmi.*

*Ghaldaqstant prevja kwalunkwe dikjarazzjoni li tirrizulta mehtiega skond il-ligi, ghar-ragunijiet premessi u dawk kollha li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza, l-esponenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

*(i)* *Tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ghat-tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili; u*

*(ii)* *Konsegwentement tordna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lill-esponenti s-somma ta' erbgha u disghin elf, tmien mija u tnejn u tletin Ewro u tlieta u sebghin centezmu (€94,832.73), oltre l-imghaxxijiet legali, bilanc tal-prezz ta' hadid mibjugh u kkonsenjat lilha, kif fuq spjegat.*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali interpellatorja tat-22 ta' Jannar, 2020, tal-ittra bonarja tas-17 ta' Jannar, 2020, u tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors gurament u bl-imghaxijiet kummercjali, inkluzi dawk dovuti skont il-ligi sad-data tal-effettiv pagament, kontra s-socjeta' konvenuta, li tibqa' ngunta minn issa ghas-*subizzjoni.*"*

Rat lis-socjeta konvenuta fejn debitament notifikata peress li hadd ma deher ghad- differiment tal-lum. Konsegwentement din il-procedura hekk imsejha giljottina mhux qed tigi kkuntestata.

Semghet ix-xhieda tad-Direttur tas-Socjeta rikorrenti/attrici li kkonferma hlasijiet in parte fornitura ta' azzar provdut lis-socjeta' konvenuta, kkonferma wkoll li s-socjeta konvenuta baqghet moruza ghall-hlas tal-bilanc ta' l-istess fornitura fl-ammont ta' erbgha u disghin elf, tmien mija u tnejn u tletin Ewro u tlieta u sebghin centezmu (€94,832.73) oltre imghaxijiet legali.

**Konsegwentement tilqa' t-talbiet kif dedotti bid-dispensa tas-smiegh ai termini ta' l- artiklu 167 tal-Kap 12. tal-Ligiiet ta' Malta u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-socjeta rikorrenti s-somma erbgha u disghin elf, tmien mija u tnejn u tletin Ewro u tlieta u sebghin centezmu (€94,832.73) oltre imghaxijiet legali bilanc tal-prezz ta' hadid mibjugh u kkonsenjat lilha, ukoll l-ispejjez tal-ittra ufficjali tat-22 ta' Jannar, 2020, ta' l-ittra bonarja tas-17 ta' Jannar, 2020 ukoll tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment mar-rikors gurament u bl-imghaxijiet**

**kummercjali, inkluzi dawk dovuti skont il-ligi sad-data tal-pagament effettiv.**

**Onor Dr. Miriam Hayman**
**Imhallef**

**Victor Deguara**
**Deputat Registratur**